

32006D0778

15.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 314/39

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Novembru 2006

li tikkonċerna r-rekwiżiti minimi għall-ġbir ta' l-informazzjoni waqt l-ispezzjonijiet tas-siti ta' produzzjoni li fihom jinżammu ċerti annimali għal skopijiet ta' biedja

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5384)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/778/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li ttiprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġġiela ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li ttiprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja ⁽³⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 6 (3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbidu ⁽⁴⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 8 (3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/629/KEE ttiprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġġiela li jinżammu għat-trobbija u li jkunu mhaxxa. Hi ttiprovdi li Stati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti biex tiġi vverifikata l-konformità mad-Direttiva.
- (2) Id-Direttiva 91/630/KEE ttiprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer li jinżammu għat-trobbija u li jkunu

mhaxxa. Hi ttiprovdi li Stati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti biex tiġi vverifikata l-konformità mad-Direttiva.

- (3) Id-Direttiva 98/58/KE ttiprovdi standards minimi għall-ħarsien ta' annimali mrobbija jew miżmuma għal skopijiet ta' biedja. Hi ttiprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet biex tiġi vverifikata l-konformità mad-Direttiva jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti u l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti lill-Kummissjoni dwar dawn l-ispezzjonijiet.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/50/KE tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar il-ħtiġijiet minimi għall-ispezzjoni ta' azzendi li fihom jinżammu annimali għat-trobbija ⁽⁵⁾ ttiprovdi li r-rapporti li l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni skond id-Direttiva 98/58/KE għandhom ikopru l-għoġġiela, il-ħnieżer u t-tiġieġ li jbidu. Hi tispeċifika wkoll dwar l-informazzjoni li l-Istati Membri huma mitluba li jissottomettu għal kull speċi u kategorija ta' annimali.
- (5) L-ispezzjonijiet ta' l-annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja mwettqa fl-Istati Membri għandhom mhux biss ikopru r-rekwiżiti stabbiliti fl-atti speċifiċi bħalma huma dawk li jikkonċernaw l-għoġġiela, il-ħnieżer u t-tiġieġ li jbidu iżda wkoll ir-rekwiżiti tal-benessri ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 98/58/KE. L-obbligi ta' l-Istati Membri li jagħmlu rapporti lill-Kummissjoni għandhom għalhekk jinkludu kemm rekwiżiti ġenerali u speċifiċi skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja.
- (6) L-ispezzjonijiet ta' l-annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja mwettqa fl-Istati Membri għandhom ikopru l-ispeċijiet kollha tal-biedja li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 98/58/KE. L-obbligi ta' l-Istati Membri li jagħmlu rapporti lill-Kummissjoni għandhom għalhekk jiġu estiżi skond dan.
- (7) Id-Direttiva 1999/74/KE tistabilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbidu. Hi ttiprovdi li Stati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet biex tiġi vverifikata l-konformità mad-Direttiva jitwettqu mill-awtorità kompetenti.

⁽¹⁾ ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni (KE) Nru 806/2003.

⁽³⁾ ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

⁽⁴⁾ ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

⁽⁵⁾ ĠU L 19, 25.1.2000, p. 51. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

(8) L-esperjenza akkwistata bis-saħħa tad-Direttivi 91/629/KEE, 91/630/KEE, 99/58/KE u 1999/74/KE tindika diskrepanzi bejn l-Istati Membri fl-ippjanar, l-eżekuzzjoni, l-irrekordjar u r-rapporti ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond dawn id-Direttivi mill-awtorità kompetenti.

(9) Il-ġbir tad-data dwar l-ispezzjonijiet tal-benessri ta' l-annimali hu essenzjali għall-Komunità biex jiġi valutat l-impatt tal-politika tagħha f'dan il-qasam. Barra minn dan hu importanti li r-regoli dwar il-benessri ta' l-annimali jiġu applikati b'mod uniformi, b'mod partikulari minħabba li dawn ir-regoli jistgħu jaffettwaw il-kompetittività ta' xi attivitajiet tal-biedja. Għalhekk meħtieġ li jiġu aġġornati r-rekwiżiti minimi għall-ispezzjonijiet tas-siti ta' produzzjoni fejn jinżammu annimali għal skopijiet ta' biedja.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-benessri ta' l-annimali ⁽¹⁾, jipprovdi fit-Titolu V għal pjanijiet ta' kontrolli inklużi rapporti annwali. L-obbligi attwali ta' l-Istati Membri li jagħmlu rapporti skond id-Deċiżjoni 2000/50/KE għandhom jiġu adattati għal dan ir-Regolament, b'mod partikulari fir-rigward tal-frekwenza u tal-limitu taż-żmien biex jirrapportaw lill-Kummissjoni.

(11) Il-kondizzjonijiet tal-benessri ta' l-annimali huma affettwati mill-metodi tal-biedja. Għalhekk dawn jirrappreżentaw bażi utli għal ġbir ta' l-informazzjoni. Fil-każ tat-tiġieġ li jbidu, referenza partikulari għandha ssir għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2295/2003 tat-23 ta' Diċembru 2003 li jdaħħal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 fuq ċerti standards tal-marketing għall-bajd ⁽²⁾, kif dan jiddefinixxi r-rekwiżiti addizzjonali għal sistemi alternattivi.

(12) Is-sistema preżenti tal-ġbir u l-analiżi ta' l-informazzjoni mill-Istati Membri qed toħloq piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni u l-Istati Membri. Hi toħloq ukoll riskji ta' kambjament fid-data. Għalhekk meħtieġ li jsir studju dwar il-possibbiltà ta' sistema aġġornata fil-livell Komunitarju biex jittejjeb u jiġi ffaċilitat il-ġbir u l-analiżi tad-data meħtieġa f'dan ir-regward.

(13) Id-Deċiżjoni 2000/50/KE għandha għalhekk titħassar u tiġi ssostitwita b'din id-Deċiżjoni

(14) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali,

ADOZZAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli għall-armonizzazzjoni:

- (a) tal-ġbir ta' informazzjoni waqt l-ispezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti skond id-Direttivi 91/629/KEE, 91/630/KEE, 98/58/KE u 1999/74/KE; kif ukoll
- (b) tal-kitba tar-rapporti dwar informazzjoni ta' din ix-xorta lill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet fid-Direttivi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(a) għandhom japplikaw.

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

- (a) "spezzjoni" tfisser verifika li titwettaq mill-awtorità kompetenti fuq sit ta' produzzjoni fejn hemm annimali miżmuma waqt li tkun qed issir il-verifika skond waħda mid-Direttivi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(a);
- (b) "nuqqas ta' konformità" tfisser negliġenza fil-konformità ma' waħda mid-Direttivi li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1(a) li ġiet:
 - (i) misjuba mill-awtorità kompetenti waqt l-ispezzjoni;
 - (ii) innotifikata mill-awtoritajiet lill-proprietarju jew minn min iżomm l-annimali fis-sit ikkonċernat ta' produzzjoni permezz ta' dokument uffiċjali.

Artikolu 3

Informazzjoni li għandha tinġabar u tiġi rrekordjata waqt l-ispezzjoni

Waqt kull spezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiġbor u tirrekordja f'dokument miktub jew elettroniku informazzjoni dwar:

- (a) id-data u l-identifikazzjoni tas-sit ta' produzzjoni;
- (b) il-kategoriji tal-metodi ta' biedja u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fil-leġislazzjoni Komunitarja kif elenkati fl-Anness I;

⁽¹⁾ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; kif ikkoreġut (ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1). Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 776/2006/(ĠU L 136, 24.5.2006, p. 3.)

⁽²⁾ ĠU L 340, 24.12.2003, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 89/2006 (ĠU L 15, 20.1.2006, p. 30).

- (ċ) il-kategoriji tan-nuqqas ta' konformità u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja kif elenkati fl-Anness II;
- (d) il-kategoriji amministrattivi ta' nuqqas ta' konformità u l-azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti kif imsemmi fl-Anness III.

Artikolu 4

Verifika minima u rekwiżiti għall-irrekordjar ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond id-Direttiva 91/629/KEE

Waqt kull spezzjoni mwettqa skond id-Direttiva 91/629/KEE, l-awtoritajiet komeptenti għandhom jivverifikaw ta' l-anqas ħamsa mill-kategoriji li hemm referenza għalihom fil-Kapitolu I ta' l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 91/629/KEE kif elenkati f'dan il-Kapitolu. L-awtorità kompetenti għandha tirrekordja kull nuqqas misjub ta' konformità.

Artikolu 5

Verifika minima u rekwiżiti għall-irrekordjar ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond id-Direttiva 91/630/KEE

Waqt kull spezzjoni mwettqa skond id-Direttiva 91/630/KEE, l-awtoritajiet komeptenti għandhom jivverifikaw ta' l-anqas erbgħa mill-kategoriji li hemm referenza għalihom fil-Kapitolu II ta' l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 91/630/KEE kif elenkati f'dan il-Kapitolu. L-awtorità kompetenti għandha tirrekordja kull nuqqas misjub ta' konformità.

Artikolu 6

Verifika minima u rekwiżiti għall-irrekordjar ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond id-Direttiva 98/58/KE

Waqt kull spezzjoni mwettqa skond id-Direttiva 98/58/KE, l-awtoritajiet komeptenti għandhom jivverifikaw ta' l-anqas ħamsa mill-kategoriji li hemm referenza għalihom fil-Kapitolu III ta' l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 98/58/KE kif elenkati f'dan il-Kapitolu. L-awtorità kompetenti għandha tirrekordja kull nuqqas misjub ta' konformità.

Artikolu 7

Verifika minima u rekwiżiti għall-irrekordjar ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond id-Direttiva 1999/74/KE

Waqt kull spezzjoni mwettqa skond id-Direttiva 1999/74/KE, l-awtoritajiet komeptenti għandhom jivverifikaw ta' l-anqas tlieta

mill-kategoriji li hemm referenza għalihom fil-Kapitolu IV ta' l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 1999/74/KE kif elenkati f'dan il-Kapitolu. L-awtorità kompetenti għandha tirrekordja kull nuqqas misjub ta' konformità.

Artikolu 8

Rapporti

1. Ta' l-anqas sat-30 ta' Ġunju 2009, sussegwentement ta' kull sena mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport b'mezzi elettroniċi dwar l-informazzjoni miġbura u rrekordjata skond din id-Deċiżjoni, waqt l-ispezzjonijiet imwettqa matul is-sena kalendarja preċedenti.

2. Ir-rapport ipprovdut fil-paragrafu 1 għandu:

- (a) ikollu l-informazzjoni riferuta fl-Anness IV;
- (b) jiġi akkumpanjat minn analiżi ta' l-aktar tisjib serju ta' nuqqasijiet ta' konformità u minn pjan ta' azzjoni nazzjonali li ma jħallix jew inaqqas li dawn isiru għas-snin li ġejjin.

Artikolu 9

Revoka

Id-Deċiżjoni 2000/50/KE hija revokata.

Artikolu 10

Applikabilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 11

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 14 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membre tal-Kummissjoni

ANNEX I

kif imsemmi fl-Artikolu 3(b)

KATEGORIJI TA' METODI TA' BIEDJA

Kategoriji ta' metodi ta' biedja għat-tiġieġ li jbidu u dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 1999/74/KE u r-Regolament (KE) Nru 2295/2003

Kategorija ta' metodi ta' biedja	Leġislazzjoni Komunitarja korrispondenti
Fil-beraħ	L-ANNEX III għar-Regolament (KE) Nru 2295/2003
Razzett	L-ANNEX III għar-Regolament (KE) Nru 2295/2003
Sistema ta' gaġeġ arrikkiti	L-Artikolu 6 tad-Direttiva 1999/74/KE
Sistema ta' gaġeġ li mhumex arrikkiti	L-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/74/KE

ANNEX II

kif imsemmi fl-Artikolu 3(c) u l-Artikoli 4, 5 u 6

KAPITOLU I

Kategoriji ta' nuqqas ta' konformità għall-ghoġġela u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 91/629/KEE

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità	Dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 91/629/KEE
Spezzjoni	L-Anness, il-punt (6)
Libertà tal-moviment	L-Anness, il-punti (7) u (8)
Spazji permessi	L-Artikolu 3
Kostruzzjoni u akkomodazzjoni	L-Anness, il-punti (1), (2), (3), (9), (14) u (10)
Dawl minimu	L-Anness, il-punt (5)
Apparat awtomatiku u mekkaniku	L-Anness, il-punt (4)
Għalf, ilma u sustanzi oħrajn	L-Anness, il-punti (12),(13) u (15)
Livell ta' emoglobina	L-Anness, il-punt (11)
Ikel fibruż	L-Anness, il-punt (11)

KAPITOLU II

Kategoriji ta' nuqqas ta' konformità għall-ħnieżer u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 91/630/KEE

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità	Dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 91/630/KEE
Ekwipaġġ	L-Artikolu 5a
Spezzjoni	L-Artikolu 3(8) L-Anness, il-Kapitolu II: It-Taqsima B, il-punt 2 L-Anness, il-Kapitolu II, it-Taqsima C, il-punt 3 L-Anness, il-Kapitolu II, it-Taqsima D
Libertà tal-moviment	L-Artikolu 3(3); L-Anness, il-Kapitolu II: It-Taqsima B, il-punti 1, 4 u 5 L-Anness, il-Kapitolu II: It-Taqsima C, il-punti 1 u 2
Spazji permessi	L-Artikolu 3(1) l-Artikolu 3(4)
Kostruzzjoni u akkomodazzjoni	L-Anness, il-Kapitolu I, il-punti 2 u 3
Dawl minimu	L-Anness, il-Kapitolu I, il-punt 2
Medda ta' l-art	L-Artikolu 3(2), L-Anness, il-Kapitolu I, il-punt 5 L-Anness, il-Kapitolu II, it-Taqsima A
Materjali manipulabbli	L-Artikolu 3(5) L-Anness, il-Kapitolu I, il-punt 4 L-Anness, il-Kapitolu II, it-Taqsima B, il-punt 3

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità	Dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 91/630/KEE
Għalf, ilma u sustanzi oħrajn	L-Artikolu 3(6) L-Anness, il-Kapitolu I, punti 6 u 7
Ikel fibruż	L-Artikolu 3(7)
Mutilazzjonijiet	L-Anness, il-Kapitolu I, il-punt 8
Proċeduri ta' trobbija	L-Anness, il-Kapitolu II, it-Taqsima C, il-punt 3

KAPITOLU III

Kategoriji ta' nuqqas ta' konformità għas-siti kollha ta' produzzjoni u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Anness għad-Direttiva 98/58/KE

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità	Punti korrispondenti ta' l-Anness għad-Direttiva 98/58/KE
Ekwipaġġ	Il-punt 1
Spezzjoni	Il-punti 2, 3 u 4
Żamma ta' reġistri	Il-punti 5 u 6.
Libertà tal-moviment	Il-punt 7
Kostruzzjoni u akkomodazzjoni	Il-punti 8 sa 12
Apparat awtomatiku jew mekkaniku	Il-punt 13
Għalf, ilma u sustanzi oħrajn	Il-punti 14 sa 18
Mutilazzjonijiet	Il-punt 19
Proċeduri ta' trobbija	Il-punti 20 u 21.

KAPITOLU IV

Kategoriji ta' nuqqas ta' konformità għat-tiġieġ li jbidu d-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva 1999/74/KE

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità	Dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 1999/74/KE
Spezzjoni	L-Anness, il-punti 1 u 6
Spazji permessi	L-Artikolu 4(1)(4) L-Artikolu 5(1)(1) L-Artikolu 6(1)(a)
Kostruzzjoni u akkomodazzjoni	L-Artikolu 4, minbarra l-paragrafu 1(4); L-Artikolu 5, minbarra l-paragrafu 1(1); L-Artikolu 6, minbarra l-punt 1(a). L-Anness, il-punti 4, 5 u 7
Dawl mimimu	L-Anness, il-punt 3
Apparat awtomatiku u mekkaniku	L-Anness, il-punt 2
Mutilazzjoni	L-Anness, il-punt 8

ANNEX III

kif imsemmi fl-Atrikolu 3(d)

Kategoriji amministrattivi ta' nuqqas ta' konformità

Kategorija amministrattiva ta' nuqqas ta' konformità	Azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti
A	Rikjesta biex jiġi(u) indirizzat(i) in-nuqqas(ijiet) ta' konformità fi ħdan limitu ta' żmien li jkun inqas minn tliet xhur Ebda azzjoni immedjata għal pjeni amministrattivi jew kriminali
B	Rikjesta biex jiġi(u) indirizzat(i) in-nuqqas(ijiet) ta' konformità fi ħdan limitu ta' żmien li jkun aktar minn tliet xhur Ebda azzjoni immedjata għal pjeni amministrattivi jew kriminali
Ċ	Azzjoni immedjata għal pjeni amministrattivi jew kriminali

ANNEX IV

Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 8

L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 8 għandha tkun sottomessa skond it-Tabelli 1 u 2 ta' dan l-Anness.

Għandu jkollha n-numru:

- Tas-siti ta' produzzjoni suġġett għall-ispezzjonijiet fir-ringieli 1 tat-Tabelli 1 u 2;
- Tas-siti ta' produzzjoni spezzjonati fir-ringieli 2 tat-Tabelli 1 u 2, ibbażati fuq in-numru ta' l-ispezzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 4 sa 7;
- Tas-siti ta' produzzjoni mingħajr nuqqas ta' konformità fir-ringieli 3 tat-Tabelli 1 u 2, ibbażati fuq ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet rispettivament irrapportati fir-ringieli 2 tat-Tabelli 1 u 2;
- Tan-nuqqasijiet ta' konformità skond il-kategoriji msemmija fl-Anness II fir-ringieli 4 sa 18 tat-Tabella 1 u r-ringieli 4 sa 12 tat-Tabella 2 ta' dan l-Anness;
- Tan-nuqqasijiet ta' konformità skond il-kategoriji msemmija fl-Anness III fir-ringieli 19 sa 21 tat-Tabella 1 u r-ringieli 13 sa 15 tat-Tabella 2 ta' dan l-Anness.

Tabella 1

Kategorija ta' l-annimali		Tiġieġ li jbidu				Għoġġiela	Ħnieżer
Numru ta'	Metodu ta' biedja	Fil-beraħ	Razzett	Gaġġa arrikkita	Gaġġa mhux arrikkita		
1	Is-siti ta' produzzjoni suġġetti għal spezzjoni						
2	Is-siti ta' produzzjoni spezzjonati						
3	Is-siti ta' produzzjoni mingħajr nuqqas ta' konformità						
Numru tan-nuqqasijiet ta' konformità kkonċernat							
4	Ekwipaġġ						
5	Spezzjoni						
6	Żamma ta' reġistri						
7	Libertà tal-moviment						
8	Spazji permessi						
9	Kostruzzjoni u akkomodazzjoni						
10	Dawl mimimu						
11	Medda ta' l-art (għall-ħnieżer)						
12	Materjali manipulabbli						
13	Apparat awtomatiku u mekkaniku						
14	Għalf, ilma u sustanzi oħrajn						
15	Emoglobina (għoġġiela)						
16	Ikel fibruż (għoġġiela u ħnieżer ta' ġens femminili)						
17	Mutilazzjonijiet						
18	Proċeduri ta' trobbija						
19	Nuqqas ta' konformità A						
20	Nuqqas ta' konformità B						
21	Nuqqas ta' konformità C						

Tabella 2

Numru ta' Kategorija ta' l-annimali		Bhejtem (minbarra l-għoġġiela)	Ngħaġ	Mogħoż	Tjur (*)	Għasafar li ma jirrux imrobbija għal skopijiet kummerċjali	Papri	Wizz	Annimali bil-pil	Dundjani
1	Is-siti ta' produzzjoni suġġetti għal spezzjoni									
2	Is-siti ta' produzzjoni spezzjonati									
3	Is-siti ta' produzzjoni mingħajr nuqqas ta' konformità									
Numru tan-nuqqasijiet ta' konformità kkonċernat										
4	Ekwipaġġ									
5	Spezzjoni									
6	Żamma ta' reġistri									
7	Libertà tal-moviment									
8	Kostruzzjoni u akkomodazzjoni									
9	Apparat awtomatiku u mekkaniku									
10	Għalf, ilma u sustanzi oħrajn									
11	Mutilazzjonijiet									
12	Proċeduri ta' trobbija									
13	Nuqqas ta' konformità A									
14	Nuqqas ta' konformità B									
15	Nuqqas ta' konformità C									

(*) Tjur domestiku ta' l-ispeċi *Gallus gallus* minbarra t-tiġieġ li jbidu